**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**Vs**

**Saviour Micallef**
**Antoinette Micallef**

Illum 28 ta' Ottubru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Saviour Micallef, ta' 48 sena, iben Nikola u Carmela nee' Vassallo, imwieled Siggiewi, fit-30 ta' Gunju 1965 u residenti 42, 'San Nikoladi Bari', Triq id-Difa, Siggiewi, detentur ta' karta tal-identita' 333765 (M) u lil Antoinette Micallef nee' Farrugia ta' 45 sena, bint Joseph u Pauline nee' Mallia, imwielda il-Pieta', fl-4 ta' Novembru 1967 u residenti 42, 'San Nikoladi Bari', Triq id-Difa, Siggiewi, detentrici ta' karta tal-identita' 0451567 (M)

Akkuzati talli f' dawn il-Gzejjer, f'Jannar 2009 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda fil-kapacita taghhom personalment u bhala diretturi w azzjonisti tal-kumpaniji VSP Foods Limited (C31960), Superfruits Limited (C37273), The Veg. Point Ltd (29407) u Topfresh Trading Ltd (C43592):

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamiltu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejtu b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejtu haga b'ohra sabiex igeghelu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqaltu tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamiltu qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-detriment tad-dipartiment tal- VAT u/jew il- Gvern ta' Malta u/jew Randolf Cauchi ID 567777M.

Lil Saviour Micallef wahdu:

2. Talli ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhalt dawn il-pattijiet,disposizzjondiet,obbligijew helsien minn obbligi fdawk l-atti jew skritturi wara ,li jkunu gew iffurmati, inkella billi zidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan ghad-dannu tad-dipartiment tal-VAT u/jew il-Gvern ta'Malta u/jew Randolf Cauchi ID 56777M;

3. Talli xjentement ghamilt uzu minn dokument falsifikat;

4. Sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement gahmilt dikjarazzjoni jew staqarrija falza.

Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u li huma kkonfermaw l-istess ammissjoni wara li inghataw zmien sabiex jirrikunsidraw il-posizzjoni taghhom.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qeghdin jinstabu l-imputati u c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 121D, 183, 184, 188, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u tikkundanna lil Saviour Micallef ghal 18 –il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien tlett snin; inkwantu ghal Antoinette Micallef bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberaha bil-kundizzjoni li ma twettaqx reat iehor fi zmien sentejn. Inoltre tikkundanna lill-imputati ghal hlas ta' Multa ta' €1,165. Il-Qorti qed taghti zmien sena ghall-hlas tal-multa. F'kaz li l-multa ma tithallasx ikun hemm konversjoni ghal prigunerija.

Il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettqu reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza u l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-ligi.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat